**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 20 ta' Frar 2018**

Numru 1

**Rikors Nru. 62/2007**

**Perit Carmel Mifsud Borg**

**vs**

**Miriam Dalli, Charlon Gouder**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Perit Carmel Mifsud Borg wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Ottubru 2016 li cahdet it-talbiet tieghu li l-allegazzjonijiet li xxandru fuq Super One Television dwaru waqt l-ahbarijiet ta' One News tas-7.30pm tat-12 ta' Dicembru 2006 kienu libelluzi u defamanti;

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenuti li sostnew illi l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-appell thalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Dan l-appell jikkoncerna rappurtagg li xxandar fuq One News fl-ahbarijiet tas-7.30pm dwar l-attur liema rapurtagg fil-partijiet relevanti tieghu kien jghid hekk:

> Il-Ministru Ninu Zammit ma jridx jitkellem dwar kaz ta' persuna, ufficjal oghli fil-Ministeru tieghu illi ghandu t-telefon imhallas mill-Gvern u li permezz ta' dan it-telefon, f'Dicembru ta' erba' snin ilu, ta donazzjoni lil Partit Nazzjonalista.
> Kien One News illi zvela dan il-kont tat-telefon imhallas mill-Gvern tar-residenza privata ta' Carmel Mifsud Borg, illi jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali fil-Ministeru ta' Ninu Zammit.
> Sorsi infurmati tajjeb zvelaw kif Carmel Mifsud Borg ordna investigazzjoni shiha fih dan id-Dipartiment halli jara kif informazzjoni daqshekk sigrieta spiccat waslet f'One News.
> Ninu Zammit ma riedx jitkellem dwar kaz ta' persuna li politikament huwa responsabbli minnha u li, f'Dicembru ta' erba' snin ilu, b'telefon imhallas mill-Gvern, inghatat donazzjoni lil Partit Nazzjonalista. Skont il-Ministru Ninu Zammit, hu lest jitkellem biss dwar dan il-kaz jekk One News jaghtih siegha cans fi programm, biex jispjega.

Dan ir-rapurtagg segwa rappurtagg iehor fuq l-istess stazzjon u mertu li xxandar fil-guranata ta' qabel fejn fil-parti rilevanti tieghu intqal hekk dwar l-atturi:

> Fil-maratona gbir ta' fondi illi ghamel l-Partit Nazzjonalista f'Dicembru ta' erba' snin ilu, lejliet l-elezzjoni generali tal-2003, Carmel Mifsud Borg kien ta donazzjoni lid-Dar Centrali. Dak in-nhar, il-kont tat-telefon kien jithallas ukoll mill-Gvern; kont tat-telefon li ghandu f'idejh One News juri kif tal-inqas dak-in-nhar, id-donazzjoni li kien ta' dan l-ufficjal oghli kienet tammonta ghal hames liri (Lm5). Sorsi infurmati tajjeb zvelaw ma' One News kif Carmel Mifsud Borg, engineer, huwa persuna qrib hafna tal-Partit Nazzjonalista u fdat mill-Ministru Ninu Zammit.

Jirrizulta illi dakinhar tar-rappurtagg mertu ta' dan l-appell l-editur ta' One News kienet Miriam Dalli u l-gurnalist li kiteb l-istorja kien Charlon Gouder. L-attur hassu malafamat b'din it-tieni xandira tal-ahbarijiet ta' One News u istitwixxa din il-procedura.

Ta' min jirreleva illi a rigward tar-rapurtagg li sar lejliet fuq One News li kien kwazi identiku ghal dan in kwistjoni, saru proceduri fl-istess ismijiet (kawza numru 59/2007) deciza flimkien ma' din il-kawza u li l-appell taghha instema quddiem din il-Qorti diversament preseduta u deciza fit-22 ta' Settembru 2017.

In fatti fis-sentenza sub iudice quddiem din il-Qorti kif preseduta, il-Qorti tal-Magistrati ghamlet ampja referenza ghall-konsiderazzjonijet fil-kawza 59/2007 u ghamlithom taghha f'din is-sentenza li qed tigi kunsidrata f'dan l-appell.

Bhala fatti jirrizulta li l-attur kien direttur generali tad-divizjoni servizzi fil-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura u bhala parti mill-pakkett ta' rimunerazzjoni l-attur kellu 'free telephone facilities'. Skont klawsola 2.5.1.1. tal-Public Management Code, telefonati li jsiru barra minn Malta ta' natura personali kellhom jithallsu mill-impjegat. Fil-31 ta' Dicembru 2002 l-attur uza t-telefon tad-dar tieghu biex jaghmel donazzjoni lil Partit Nazzjonalista ta' Lm5 fil-maratona gbir tal-fondi tal-Partit. Din id-donazzjoni giet riflessa fil-kont tat-telefon mahrug lil Gvern mill-Maltacom fis-7 ta' Marzu 2003. Skont il-procedura tad-dipartiment il-kont intbaghat lil attur ghal verifika tieghu u hu hallas l-ammont ta' Lm5 u ammonti ohra personalil lura lil Gvern fis-6 ta' April 2003 qabel il-Gvern hallas il-kont tal-Maltacom. Fit-12 ta' Dicembru 2006 saret ix-xandira msemmija aktar il-fuq. Fid-19 ta' Dicembru 2006 il-Ministru tar-Rizorsi hareg stqarrija fejn ikkjarifika li l-attur kien hallas lura lil Gvern id-donazzjoni u telefonati ohra personali liema stqarrija ixxandret minn One News. Fl-1 ta' Marzu 2007, l-attur ghamel il-kawza.

Il-Qorti tal-Magistrati sabet illi l-attur bhala ufficjal pubbliku kien jaqa fl-iskrutinju tal-interess pubbliku u fil-kariga li kellu l-attur kellu jkun apolitiku u billi kellu uzu b'xejn tas-servizz tat-telefon, il-pubbliku kellu d-dritt ikun jaf x'uzu qed jaghmel minn dan is-servizz. Il-Qorti sabet li kien inkontestat li l-attur ghamel uzu mis-servizz tat-telefon biex jaghmel donazzjoni lil partit politiku, u ghalkemm mhux kontestat li l-attur kellu kull dritt jaghmel donazzjoni lil partit politiku li jemmen fih, ma kienx etiku u prudenti li jaghmel dan b'servizz tat-telefon moghti lilu mill-Gvern. Ma hemmx kontestazzjoni li l-kontijiet johorgu fuq il-Gvern u jithallsu mill-Gvern. Il-Qorti ziedet li dawn kienu l-fatti quddiem il-gurnalist minn analizi tal-kont tat-telefon, u l-Public Management Service Code jeskludi biss telefonati ghal barra minn Malta ta' natura personali. Ma jinghad xejn x'isir dwar donazzjonijiet bit-telefon. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tal-Magistrati qieset illi l-fatti kif rapportati mill-One TV kienu sostanzjalment veri. Ir-rapurtagg imkien ma qal li d-donazzjoni harget minn fondi pubblici u l-fatt li l-attur

irrifonda l-flus tad-donazzjoni lil Gvern qabel thallas il-kont ma jbiddilx il-fatt li l-kont jithallas mill-Gvern. Ma ngibitx prova tal-konoxxenza da parti tal-gurnalist ta' dan l-ahhar fatt u li deliberatament gie injorat jew li ragonevolment kellu xi obbligu li jinvestigaw ulterjorment. Il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Magistrati kienet li l-fatti kienu sostanzjalment veri pero ma irrispekkjawx il-verita shiha. Ghalhekk fir-rapurtagg taghhom il-konvenuti qdew il-funzjoni taghhom ta' guranlisti aktar u aktar meta l-istess stazzjon xandar l-istqarrija ta' rattifika maghmula mill-Ministeru.

L-aggravju tal-appellant hu illi din is-sentenza tippekka ghax il-konvenuti ippublikaw nofs verita li kienet twassal ghal rappurtagg mhux veritier u qarrieqi, u fuq il-fatti quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-konkluzzjoni taghha li r-rapurtagg kien jirrispekkja l-verita ghalkemm mhix shiha kienet wahda zbaljata.

Il-konvenuti jirrispondu illi l-Qorti tal-Appell ma ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti tal-ewwel Qorti jekk ma jkunx manifest li dak l-apprezzament sar hazin jew ghal xi mottiv iehor gravi.

Il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament ghalkemm il-ligi tal-procedura per se ma tivvjettax skrutinju tal-fatti mill-Qorti tal-Appell u trid tqis dak li ntqal fir-rappurtagg huwiex rispekkjat fl-apprezzament tal-fatti tal-ewwel Qorti li ragjonevolment setghet waslet ghal konkluzjoni li waslet avolja wiehed jista ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija.

Wara li l-Qorti rat l-atti fid-dettal tqis li ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti illi bil-fatti quddiemha setghet tasal ghal konkluzoni illi r-rapport kien kostatazzjoni ta' fatti veri ghalkemm mhix il-verita shiha. Tali determinazzjoni hi superficjali wisq fic-cirkostanzi.

Il-Qorti tqis f'postha dak li qalet il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza **Natalino Fenech vs Saviour Balzan et** deciza fis-17 ta' Ottubru 2016 meta qalet hekk:

> Il-Qorti tifhem illi huwa kemm dritt kif ukoll obbligu tal-gurnalista illi jgharraf lill-pubbliku b'kull ahbar illi tista tkun ta' interess pubbliku, izda tifhem wkoll illi l-gurnalist ghandu obbligu illi jassikura ruhu li jkun ghamel l-investigazzjonjiet kollha mehtiega qabel ma jtella l-ahbar fuq

il-mezzi tax-xandir, u dana peress illi c-cittadin jippretendi minghand il-gurnalist illi l-istess gurnalist jkun ghamel ix-xoghol tieghu sew u fir-reqqa rikjesta .

Hu d-dritt fondamentali tal-guranalist li jkollu liberta shiha ta' esprezzjoni fil-limiti imposti ghal tali dritt mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropea u hu dritt u obbligu tal-gurnalist li jirraporta dak kollu fl-interess tal-pubbliku pero dak id-dritt u obbligu jistrihu primarjament fuq il-principju li tinghata l-verita lil pubbliku wara indagini serja u approfondita tal-fatti li jigu rapportati. Il-gurnalizmu hu arma b'sahhitha f'idejn il-gurnalist biex fost ragunijiet ohra jzzomm lil dawk fil-kariga pubblika milli jiddevjaw mill-gust u mill-qadi fidil ta' dmirijiethom skond il-ligi. Tali arma pero trid tigi uzata b'mod fidil u dinjituz lejn is-servizz tal-gurnalizmu u b'rispett lejn il-pubbliku biex minn qed jaqra jew jisma jew jara l-ahbar ikollu stampa cara u ezatta biex twasslu jifforma hsieb jew opinjoni jew gudizzju imfassla fuq fatti veri u kompleti. Mill-banda l-ohra kull informazzjoni mahruga sakemm bazata fuq verita qatt ma tista' twassal ghall-ingurja jew il-libell anki jekk twegga lil dak li dwaru tkun inharget l-informazzjoni. Imma ma jistax il-gurnalist bla bazi soda jew b'intenzjoni mhux korretta jew mhux genwina juzufruixxi ruhu mid-dritt tal-liberta tal-espressjoni u juza minn informazzjoni mhix ezatta u li ma tirrispekkjax il-verita shiha biex iwegga direttament jew indirettament jew ihammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor jew biex jaqdi skop iehor li tmur lil hinn minn rapurtagg fidil lejn il-vokazzjoni guranalistika.

Maghduda dawn il-principji li din il-Qorti tqis li ghandhom isostnuha fid-deliberazzjonijiet taghha ma tistax ma tqis li r-rapurtagg in kwistjoni ma kienx ta' fatti sostanzjalment veri izda ta' fatt wiehed cioe d-donazzjoni li ghamel l-attur lil Partit Nazzjonalista bit-telefon tad-dar u li tali telefonata nghatat x'tifhem li thallset mill-Gvern. In fatti ezatt wara t-thabbira tal-fatt tad-donazzjoni issegwi s-sentenza li l-kont tat-telefon jithallas mill-Gvern cioe fondi pubblici. Is-semmiegh ikun ragonevolment korrett li jiddeduci illi d-donazzjoni privata lil partit politiku min ufficjal pubbliku bl-uzu tat-telefon imhallas mill-Gvern thallset mill-Gvern tal-gurnata. Dak li ppruvat taghti x'tifhem b'mod car ix-xandira u t-tifsira hi biss illi l-ufficjal pubbliku kien qed jabbuza mill-pozizzjoni tieghu u uza fondi pubblici biex jsostni partit politiku.

Il-Qorti ma taqbilx li r-rappurtagg kien ragonevoli meta tqis l-informazzjoni accessibbli, kif fehmet l-ewwel Qorti. Ta' min isemmi illi din it-trasmissjoni saret tlett snin wara li saret id-donazzjoni u ghalhekk il-gurnalist kellu zmien ampju biex jivverifika l-fatti. Seta' staqsa direttament lill-attur dwar id-donazzjoni u talab ir-reazzjoni jew spjegazzjoni tieghu, u dan ma jirrizultax. Jirrizulta anzi li l-editur Dalli xehdet biss li ma setghetx tkun taf jekk id-donazzjoni giet rifuza lil Gvern. Hi ma ftakritx saritx ricerka mill-gurnalist Gouder jew talbux taghrif mill-attur jew l-ufficju fejn kien jahdem. Il-gurnalist Gouder lanqas jidher li xehed fil-proceduri.

Rappurtagg investigattiv jesigi serjeta assoluta u prudenza assidwa kif ukoll motiv genwin li tinghad il-verita u l-verita kollha, u mhux jigu pubblikati parti biss mill-fatti biex tpoggi lil persuna f'dawl ikrah, f'dan il-kaz l-attur, li jidher li qed jabbuza mill-pozizzjoni ufficjali tieghu anki jekk jista' jkun wera nuqqas ta' gudizzju bil-mod li ghamel id-donazzjoni. Ma hemm xejn hazin li wiehed ikollu veduti politici pero persuna f'kariga pubblika trid toqghod ferm attenta kif tesprimiha minghajr ma tesponi ruhha ghal kritika. B'danakollu kieku saru verifiki accessibbli u pjuttost semplici r-ricerka kienet turi stampa ohra u l-fatt fundamentali kien jigi skopert u ghal kompletezza shiha tal-fatti jixxandar, anki jekk ghal fini ta' gurnalizmu politiku jinghata 'slant politiku' koncernanti l-konflitt bejn opinjoni politika ta' persuna f'kariga pubblika u l-mod u manjiera kif tigi espressa.

F'dan il-kaz il-premessa tal-Qorti tal-Magistrati li l-fatti kienu sostanzjalment korretti kif rapportati hu zbaljat ghax l-insinwazzjoni cara li harget mir-rapurtagg kif jifhimha persuna ta' dehen normali hu li l-Gvern ghamel tajjeb ghal donazzjoni politika maghmula min ufficjal pubbliku.

Il-Qorti ma tqis li r-rappurtagg ta' kjarifika li saret mill-Ministru u ixxandret mill-istazzjoni televisiv granet wara tellimina l-fatt ta' dak li gie rappurtat fix-xandira sub iudice. Il-hsara kienet saret u hi l-fehma tal-Qorti illi x-xandira b'fatti mhux kompleti biex it-telespettatur jigbed il-konkluzjoni tieghu, kien intiz biex jitfa' dell skur fuq l-operat innifsu ta' ufficjal pubbliku.

Il-Qorti tqis li bhala danni l-konvenuti gia gew ikkundannati jhallsu s-somma ta' €700 fis-sentenza fl-istess ismijiet deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-22 ta' Settembru 2017 (59/2007)u meta tqis li din kienet rappurtagg li sehh biss l-ghada tal-ewwel rappurtagg kwazi identiku fl-ispirtu tieghu u ghalhekk il-valur ta' dak rappurtat kien ghadu frisk hafna u li ftit wara r-rapurtagg il-Ministru hareg stqarrija fejn spjega li d-donazzjoni kienet thallset mill-attur lil Gvern qabel il-Gvern hallas il-kont tat-telefon, u li l-istazzjon ippubblika din l-istqarrija u li l-attur kellu wkoll rimedju iehor taht l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Istampa, Kap. 248, din il-Qorti ma tqis li ghandu jkun hemm kundanna ohra ghal danni dwar l-istess fatt rappurtat jumejn fuq xulxin u fejn imbaghad ma regghax gie ripetut. Hlas ta' danni doppji ghall-istess fatt ikun jikkostitwixxi ingustizzja u jaghti lok ghal abbuz minn min finalment kull ma jrid hu li l-isem tajjeb tieghu jigi sostnut mill-Qrati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Perit Carmel Mifsud Borg u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Ottubru, 2016; tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tilqa' t-talba tal-attur, b'dan li ma tqis li ghandu jkun hemm kundanna ulterjuri ta' danni stante li l-konvenuti gia gew kundannati jhallsu danni ghal rapurtagg kwazi identiku imxandar gurnata qabel (sentenza tat-22 ta' Settembru 2017 Qorti tal-Appell kawza nru 59/2007) u ghalhekk is-sejbien ta' htija tal-konvenuti f'dan il-kaz ghar-ragunijiet fuq esposti ghanda titqies bhala 'just satisfaction'. Spejjez taz-zewg istanzi huma kollha a karigu tal-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur